**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 t' April, 2018**

**Talba Nru: 450/2017 PM1**

**Handson Systems Limited (C50462)**

**Vs**

**Unique Construction Limited (C74909)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru, 2017 permezz ta' liema s-socjeta` attrici, filwaqt li premettiet illi ipprestat u rrendiet servizzi ta' *data tracking* u servizzi ohrajn ancillari u accessorji lis-socjeta` konvenuta, fuq inkarigu taghha, liema servizzi gew debitament accettati mill-konvenuta u li s-socjeta` konvenuta baqghalha thallas lill-attrici s-somma ta' elfejn seba' mija u tlettax-il euro u hamsa u erbghin centezmi (€2713.45) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tas-servizzi rezi mill-attrici u accettati mill-konvenuta, talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata

thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn seba' mija u tlettax-il euro u hamsa u erbghin centezmi (€2713.45) bl-imghax kummercjali dekorribli mill-10 t'Awwissu 2017 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha fis-seduta tas-16 t' April 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-16 t' April, 2018 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` intimata sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Jirrizulta car ukoll li d-dejn mertu tal-kawza huwa wiehed ta' natura kummercjali bejn zewg socjetajiet kummercjali.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici is-somma mitluba ta' elfejn seba' mija u tlettax-il euro u hamsa u erbghin centezmi (€2713.45) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tas-servizzi rezi mill-attrici u accettati mill-konvenuta bl-imghax kummercjali dekorribli mill-10 t'Awwissu 2017 sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontestwalment ghat-talba kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**